VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,044, 8 ta' Marzu, 2013
Taqsima B

A.L. 100 tal-2013

ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA (KAP. 478)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26(1) u 33 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 478.01

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (4) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), rifużjonijiet għal produzzjonijiet diffiċli u *low budget* jistgħu jammontaw għal għotja ta' flus sa tnejn u tletin fil-mija ta' nfiq eliġibbli, u għandhom ikunu eżentati mid-disposizzjonijiet tal-*provisos* mal-imsemmi subregolament (1).".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "31 ta' Diċembru 2012" għandhom jidħlu l-kliem "31 ta' Diċembru 2013".